MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 1117/2004

**Louis u Carmen konjugi Caruana**

**Vs**

**Catherine Ebejer**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenuta thallas l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' appalt ezegwit mill-attur.

Il-konvenuta pprezentat Risposta fejn qalet li hi diga' hallset lill-atturi tax-xoghol ezegwit mill-attur fil-proprjeta' taghha gewwa Triq it-Tin, Zurrieq u dan permezz ta' pagament ghas-saldu.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

L-attur Louis Caruana xehed li sar ftehim li hu jaghmel xoghol fuq it-tromba bil-prezz ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450). Il-konvenuta hallset mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) akkont u ghalhekk hu kien qed jitlob il-bilanc.

Fil-kontro-ezami l-attur xehed li l-konvenuta kienet baghtet *cheque* ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) u hu kien cemplilha u hi qalet li kienet se thallas biss dak l-ammont. L-attur jghid li hu sarraf ic-*cheque*. Jghid ukoll li ma jafx jaqra. L-attur ikkonferma li martu kienet qaltlu li fl-ittra li baghtet il-konvenuta kienet qieghda tghid li l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) kien dak kollu li l-konvenuta kellha taghti.

Il-konvenuta xehdet li hi hallset l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) ghas-saldu u l-attur kien sarraf ic-*cheque*.

Il-konvenuta kkonfermat li x-xoghol kien tajjeb u li meta l-attur kien ghadu fil-bidu tax-xoghol fuq it-tromba hu kien infurmaha li ried erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ghal dan ix-xoghol.

Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta kienet taf li l-attur kien qed jippretendi erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) tax-xoghol tieghu hi hallietu jahdem u mbaghad baghtet *cheque* ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) ghas-saldu. L-attur ghalkemm kien jaf li l-konvenuta kienet qieghda tippretendi li dan ic-*cheque* kien hlas finali xorta ghazel li jsarraf ic-*cheque*. Fl-ittra miktuba lill-attur, il-konvenuta kitbet b'mod car:

*"Dan huwa l-ahhar hlas ghax-xoghol li inti ghamilt fil-flats iz-Zurrieq li huwa hlas finali u ma ghandix intik izjed flus rigward dawn il-flats."*

Illi fil-kawza **St George's Park Company Limited Vs Eric Pace Bonello noe (Appell Sede Inf 15/3/2002)** gie ddikjarat:

*"Fuq l-iskorta wkoll tad-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Bonnici noe Vs Horace Tonna" , mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' April 1992, u decizjonijiet ohrajn fiha citati u li "a loro volta" gew ukoll citati mill-ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza meritu ta' dana l-appell……in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'riservi li ntrinsikament u necessarjament huma nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a sadu (hekk ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "W. Apap Vs J. Gasan noe" tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Novembru 1986)"*

L-intenzjoni tal-konvenuta f'din il-kawza kienet cara.

L-attur jghid li ma jafx jaqra izda l-attrici taf. L-attur jghid ukoll li kien fehem li l-konvenuta kienet qieghda tippretendi li l-hlas huwa finali izda xorta ghazel li jaccetta l-hlas. L-attur ghazel li jinjora l-ittra u jaccetta l-flus. Jekk ried iktar flus (bhalma kien diga' ndikat lill-konvenuta) kien missu baghat ic-*cheque* lura. Anki fuq wara tac-*cheque* kien hemm indikazzjoni li l-hlas huwa finali u ghalhekk huwa difficli tifhem kif l-attur ma ndunax li jekk isarraf ic-*cheque* jkun qieghed jaccetta pagament ghas-saldu u ma jkunx jista' jitlob ammont ulterjuri.

Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------